# STORJA FOOTBALL MALTI



## SLIEMA WANDERERS
### iwarrbu l-isfida ta' Floriana

**15-01-1966:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 4-2 H.T 1-1**
**Skurjaw:** L. Micallef (S) 16', T. Cauchi (F) 45', o.g A. Vella (F) 71', R. Buttigieg (S) 84' u 87' u L. Micallef (S) 90'.
**Attendenza:** 3,276
**Referee:** Turu Lentini.

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Vella, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, John Bonett (Charles 'Kiskisell' Spiteri 49'), Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Floriana FC:** Tony Borg, Alfred Debono 'Il-Paper', Joe Grima, Edward Azzopardi (Salvu Borg 21'), Lolly Debattista, Frankie Micallef, Nenu Chircop (Lolly Aquilina 69'), Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Hugh Caruana, Alfred Dymond.

1. Minn din il-partita il-logħob tal-Ewwel Diviżjoni kien qed jibda fit-3.00 p.m – kwarta tard aktar mis-soltu.
2 Il-logħob tal-kampjonat kompla wara l-waqfa tal-Milied minkejja li din is-sena ma kienx sar il-famuż Tourney tal-Milied. Minflok kienet intlagħbet il-kompetizzjoni tal-Cassar Cup bil-logħob ikun bejn l-istess erba' teamijiet li kienu mpenjati fi tmiem il-ġimgħa meta Sliema – Floriana u Valletta – Hibernians kienu ltaqgħu fis-semifinali.
3. Floriana kellhom lura fit-team lil Tony Cauchi, Nenu Chircop u Joe Grima li kienu fallew is-semifinali tal-Cassar Cup kontra Sliema fit-2 ta' Jannar.
4. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr il-goalkeeper regolari Alfred Debono li ngħata tort tat-telfa mhux mistennija kontra Valletta (1-3) fil-Final tal-Cassar Cup.
5. Il-partita laqqgħet liż-żewġ teamijiet li kienu jinsabu fl-ewwel u fit-tieni post tal-klassifika. Floriana li kellhom punt fuq Sliema dehru resqin lejn rebħa iżda l-Wanderers qalbu r-riżultat favur tagħhom bi tliet goals fl-aħħar sitt minuti.
6. Din kienet it-tielet rebħa ta' Sliema fuq Floriana f'dan l-istaġun wara li kienu rebħulhom fil-Final tax-Scicluna Cup fit-8 ta' Diċembru 1965 u fis-semifinal tal-Cassar Cup fit-2 ta' Jannar 1966. Fiż-żewġ okkażjonijiet Sliema kienu rebħu 1-0 bil-goal f'kull logħba jiskurjah Ronnie Cocks.
7. Kummentarju dirett tat-tieni taqsima ta' din il-partita ngħata fuq ir-Rediffusion mill-ġurnalist Carmelo Costa.
8. Il-goalkeeper Slimiż Alfred Vella kellu tort fit-tieni goal Furjaniż meta clearance minn nofs il-ground ta' Alfred Debono 'Il-Paper' ibbawnsjat quddiemu u meta sab ruħu ssikkat minn Hugh Caruana, ippanċja l-ballun fix-xibka tiegħu stess.
9. John Bonett kellu jħalli l-ground kmieni wara l-mistrieħ wara li weġġa' f'daħla ma Tony Cauchi.
10. Is-sostitut Lolly Aquilina kien qed jirritorna ma' Floriana wara li kien ilu nieqes mill-kampjonat mill-partita tal-ewwel round kontra Sliema meta kien weġġa'. Huwa kien diġa lagħab ma' Floriana fil-Cassar Cup ġimgħatejn qabel.
11. Alfred Dymond kien qed jiddebutta ma' Floriana fil-kampjonat wara li kienu ħaduh mingħand Melita fit-trasferimenti tas-sajf. Dymond kien diġa lagħab fil-Cassar Cup ma' Floriana. Minkejja li kellu n-numru ħdax huwa lagħab fil-pożizzjoni ta' full back fejn kellu l-inkarigu li jimmarka lil Ronnie Cocks.
**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 12 pti.; Floriana FC 9 pti.; Hibernians FC 7 pti.; Valletta FC 6 pti.; Ħamrun Sp 4 pti.; Birkirkara FC 3 pti.

**L-Aqwa Skorers:** J. Bonett (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; N. Chircop (Floriana FC) 4 goals; L. Borg u T. Cauchi (Floriana FC) u L. Micallef u R. Cocks (Sliema Wdrs. FC) 3 goals.

---

### IT-TMIEN ĠURNATA

**16-01-1966:** Hibernians FC – Valletta FC 0-0
**Attendenza:** 1,908
**Referee:** Joseph Agius

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Joe Serge, Salvu 'Karettuni' Gatt, Freddie 'Barbettu' Mallia, Victor 'Palun' Cassar, Norman Buckle, Victor Brincat, Lorry Young, Jimmy Mizzi, Tony 'Il-Koku' Attard.

**Valletta FC:** Ċensu 'Tal-Morning Star' Borg Bonaci, Louis Pace, Joe Bugeja, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Tony Connor, Tony Calleja, Josie Urpani, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Eddie Vella, Joe Galea (Charlie Miceli 66').
1. L-inside left Joe Galea ddebutta ma' Valletta wara li kienu akkwistawh mingħand l-istess Hibernians. Huwa kien ġie sostitwit f'nofs it-

tieni taqsima minn debuttant ieħor promettenti – iż-żagħżugħ Charlie Miceli. Fi-fatt Galea kien diġa ddebutta ma' Valletta kontra Hibernians fil-Cassar Cup fl-1 ta' Jannar. Player ieħor li kien qed jagħmel id-debutt fit-team tal-Belt kien Louis Pace. It-tifel ta' Louis Pace huwa Beppe Pace li fis-snin disgħin u elfejn lagħab fil-Premier Division ma' diversi clubs fosthom anke l-istess Valletta.
2. Valletta u Hibernians kienu ltaqgħu darbtejn oħra ftit granet qabel f'logħbiet tal-Cassar Cup meta fl-ewwel ta' Jannar fis-semifinali kienu spiċċaw fi draw ta' 0-0 u sitt ijiem wara Valletta kienu rebħu r-replay 2-0 b'hoals ta' Josie Urpani u Tony Calleja.
3. Tony Attard u Joe Serge kienu qed jiddebuttaw ma' Hibernians. Serge, minkejja li Slimiż, kien iddebutta ma' Hibernians minħabba li kien jilgħab fl-Oratorju tal-Agostinjani ta' Fr Hilary. Aktar tard Joe Serge kien ġie trasferit lil Sliema Wanderers fejn hemmhekk kellu karriera mill-aqwa.
4, Hibernians għal darb'oħra kienu qed jilgħabu mingħajr Eddie Theobald li kien għadu ma rranġax id-differenzi mall-Kumitat u mingħajr Freddie Delia li kien imsiefer Tripli mal-RAF, filwaqt li Valletta kellhom nieqsa lil Charlie Williams u Frankie Zammit li kienu mweġġa'.
5. Fl-20 minuta twaddbu xi ġebel fil-ground mill-partitarji Beltin wara daħla goffa ta' Jimmy Mizzi fuq Lewis Pace. Ir-referee ammonixxi lil Jimmy Mizzi
6. Dan kien is-seba' draw ta' Hibernians fil-kampjonat minn tmien logħbiet.
7. Skond il-ġurnal 'Il-Ħaddiem' ir-referee tal-partita kien Joe Galea.

**22-01-1966:** Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 4-1 H.T 2-1
**Referee:** George Busuttil
**Skurjaw:** J. Cini (S) 7' u 22', A. Borg (B) 30', R. Cocks (S) 69' u L. Micallef (S) 78'.

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri (Twanny 'Tal-Manager' Vassallo 51'), Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Birkirkara FC:** Randolph Camilleri, Pawlu Barbara, Ġanni Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Leli Mallia, Alfred Zammit, Joe 'Il-Waqu' Bonello, Karmenu 'L-Iscotch' Borg, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Alfred Borg.

1. Ray Cosby rega' deher bejn il-lasti ta' Sliema Wanderers wara zmien twil nieqes. Il-Wanderers kienu diga' għamlu uzu mill-goalkeepers Alfred Debono u Alfred Vella f'dan il-kampjonat. Alfred Debono kien ilu ma jilgħab mit-telfa ta' 3-1 kontra Valletta fil-final tal-Cassar Cup u fil-fatt kien jumejn wara din il-logħba li kien reġa beda jinżel għat-training ma' Sliema. Il-goalkeeper l-ieħor Alfred Vella lagħab biss partita waħda u ftit kellu wirja tajba minkejja li l-Wanderers rebħu xorta waħda 4-2 kontra Floriana. L-aħħar partita ta' Cosby bejn il-lasti tal-Wanderers kienet fil-11 ta' Jannar 1964 meta Sliema kienu għelbu lil Melita 4-1.
2. Ritorn ieħor fl-Ewwel Diviżjoni kien tal-veteran Leli Mallia li l-aħħar dehra tiegħu ma' Birkirkara fl-ogħla Diviżjoni kienet fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat 1962-63.
3. Birkirkara kellhom ħames players regolari nieqsa meta Karmenu Micallef 'Id-Dunda' kien ġie sospiż żewġ logħbiet, Ġillu Pace kien sospiż logħba, Frans Bonnici 'Il-Lula' kien imsiefer mar-Reġiment, il-goalkeeper Pawlu Bonello kien imweġġa' filwaqt li Johnnie Micallef informa lill-Kumitat li rtira mill-football minħabba raġunijiet personali.
4. L-ewwel goal ta' Sliema skurjat minn Joe Cini wasal minn żball tal-goalkeeper Randolph Camilleri meta x-xutt ta' Cini ħarablu minn idejh u spiċċa fix-xibka. Randolph Camilleri, ħu l-player ta' Floriana Anton Camilleri, kien qed jiddebutta fl-ewwel team meta ħa post il-goalkeeper regolari Pawlu Bonello.
5. Joe Cini, l-aqwa skorer tal-kampjonat fl-istaġun ta' qabel, skorja l-ewwel goals f'dan il-kampjonat. Huwa kien diġa skorja l-uniku goal ta' Wanderers fit-telfa ta' 3-1 kontra Valletta fid-9 ta' Jannar fil-Final tal-Cassar Cup. Cini mar anke qrib li jiskorja hat-trick meta kwarta mit-tmiem laqat il-mimduda bil-ballun jinżel fuq il-linja tal-goal. Sliema pprotestaw li l-ballun kien qabeż il-linja iżda l-linesman Carmel Galea għamel sinjal li l-ballun ma kienx daħal.
6. It-tielet goal tal-Wanderers wasal minn first timer ta' Ronnie Cocks bix-xutt ikun tant b'saħħtu li l-ballun baqa' mwaħħal bejn il-lasta u r-rokna tax-xibka.
7. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr John Bonett li ma rkuprax mill-injury tal-Ħadd ta' qabel kontra Floriana. Charles Spiteri, li daħal fit-team minflok Bonett, ukoll spiċċa weġġa' f'din il-partita u kellu jiġi mibdul.

*Tonio Farrugia*